# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru: 31**

**Rikors Numru: 190/10 AE**

**Paul Muscat u Maria Muscat**

**v.**

**Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Paul u Maria Muscat tas-26 ta' Frar, 2010, fejn gie premess hekk:

> "Illi dan huwa rikors bil-procedura specjali stabbilit mill-Artikolu 22(c) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-revoka ta' konfiska.
>
> "Jinghad minn issa li l-esponenti ghamlu ittra ufficjali fit-8 ta' Frar 2010, debitament notifikata, fejn sejhu, safejn kienet mehtiega, lill-intimati li kien behsiebhom jaghmlu din il-procedura.

"L-esponenti Paul Muscat kien gie akkuzat talli f'Dicembru, 2003 u fix-xhur ta' qabel kien involut fil-koltivazzjoni tal-pjanta kannabis. Illi b'sentenza definittiva moghtija fit-28 ta' Dicembru, 2009, is-sentenza tal-Qorti Kriminali giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ghalhekk saret definittiva u beda jghaddi t-terminu preskritt mil-ligi. Din l-azzjoni qed issir entro t-terminu stipulat.

"Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli jew immobbli ohra tal-hati.

"Maria Muscat qatt ma giet akkuzata b'reat fejn kien hemm xi konfiska kontra taghha, u ghandha sehem mill-komunjoni tal-akkwisti.

"Illi l-esponenti qieghed jipprevalixxi ruhu minn dak illi jiddisponi s-subartikolu 22(c) tal-Kap 101 u jaghmel dan ir-rikors halli jitlob ir-revoka tal-konfiska ghal dak illi jirrigwarda dan li gej.

"1. Illi huwa manifest illi gie akkuzat f'Dicembru, 2003 u x-xhur ta' qabel u dana jista jgib massimu sal-1 Jannar, 2003. Jekk kellu jigi argumentat illi propjeta' li kellu qabel sal-31 ta' Dicembru, 2002, ikun oltre dak illi nstab hati ghalih ghaliex lanqas kien biss akkuzat illi fiz-zmien ta' qabel il-31 ta' Dicembru, 2002 kellu x'jaqsam ma' droga jew kellu xi rizultanzi konnessi mad-droga. Tali interpretazzjoni estensiva tkun qed tmur kontra l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-drittijiet tal-bniedem. Dik il-Qorti kellha l-opportunita` illi tistabilixxi certu fatti simili fil-kaz "Welch versus United Kingdom" fejn kienet sabet illi r-Renju Unit kien kiser l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni ghaliex il-Qrati tieghu applikaw il-provedimenti retrospettivament anke qabel ma dahlet il-ligi. Ghal finijiet ta' meta dahlet il-ligi, din kienet bdiet tapplika mill-1986. Qed jigi sottomess illi stante li din hija l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha tiehu in konsiderazzjoni il-ligijiet kollha tal-pajjiz inkluz il-Kap 319 illi huwa fost Kapijiet ohra parti mil-ligi ordinarja ta' pajjizna.

"In oltre r-rikorrenti l-ohra Maria Muscat hija kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti u kontra taghha m'hemm l-ebda kundanna ta' xejn. Lanqas giet biss qatt tressqet il-Qorti b'allegazzjoni simili. Il-konfiska tas-sehem taghha fil-komunjoni tal-akkwisti huwa ghal kollox illegali u ma jistax jinghad illi huwa legittimu wara sejbien ta' htija fil-konfront taghha. Dana ghal dak li jirrigwarda n-nofs tal-komunjoni.

"Illi fuq kollox l-esponenti sejjer jipprova il-provenjenza legittima tal-propjetajiet hawn taht indikati:

"1. Id-dar konjugali fi Triq Ta' San Blass, Dun Guzepp Vella Street, Naxxar. Fl-1982 din kienet propjeta' ta' Pawlu Muscat li kien bieghha lil Anthony Portelli b'kuntratt tas-6 ta' Jannar, 1982, atti Nutar Dottor Giuseppe Cauchi. B'kuntratt iehor tat-18 ta' Jannar, 1994, Anthony Portelli u Pawlu Muscat u martu ghamlu kuntratt ta' rexissjoni tal-istess bejgh u ghalhekk kollox rega' ghal status quo ant ghaliex il-partijiet kienu ftehmu illi jekk Anthony Portelli jonqos

milli jhallas il-prezz, il-propjeta' kellha tirriverti ghand Pawlu Muscat u martu. Dan il-fatt gara u ghalhekk rega' kollox ghal status quo ant kif kien jezisti fl-1982 u ghalhekk din il-propjeta' kienet tar-rikorrenti qabel dahlet fis-sehh il-ligi.

"2. Il-plot numru 10 akkwistat minn Paul Muscat u martu Mary Muscat fis-16 ta' Gunju, 1994 minghand Mario u Edwin ahwa Muscat fl-art imsejha Ta' Wied Bingemma, Limiti tan-Nadur li ggib in-numru tal-Insinwa 000946/1994.

"3. Illi fid-29 ta' Lulju, 1999, Paola armla ta' Joseph Muscat tat b'donazzjoni lil binha Paul Muscat bicca raba msejha Ta' Pisidiera fin-Nadur, Ghawdex ta' hames mija u sitt metri kwadri skond kif jirrizulta mill-Insinwa ta' dik is-sena 001196. Illi huwa manifest illi dak illi akkwista b'donazzjoni ma jistax jitqies illi huwa provenjenti minn xi reat specjalment meta d-donanti kienet ommu stess.

"4. Illi l-esponenti ghandu sehem indiviz mill-assi ereditarju tal-genituri tieghu Joseph u Paola nee` Vella flimkien ma' hutu. Din il-propjeta' kienet tappartjeni lill-genituri u ghalhekk m'hijiex provenjenza ta' reat.

"5. Vetturi: Illi jirrizulta illi l-esponenti kellhom il-vetturi Isuzu Gemini CAR 540, Honda bin-numru FBA 879 u Toyota Hilux bin-numru ta' registrazzjoni PPM 595. It-tlett vetturi kienu ilhom li nxtraw zmien u kienu ilhom registrati qabel ma gie allegat kontra tieghu xi reat.

"6. Illi dwar id-depoziti u l-investimenti ghandu jinghad dan li gej. Illi l-esponenti ghamel zmien jahdem l-Awstralja u kien baghat il-flus u gab il-flus lejn Malta, kemm permezz tal-Bank of Valletta u kemm permezz tal-HSBC.

"7. Illi parti minn dawn il-flus, permezz ta' Crystal Finance Investments ittiehdu mill-banek imsemmija u tpoggew f'kontijiet mal-bank UBS AG tal-Isvizzera, filwaqt illi Crystal Finance ghandhom prokura f'isem Paul Muscat. Dan il-kont m'huwiex f'ismu biss imma huwa ukoll f'isem il-mara.

"8. Illi bl-istess mod, permezz ta' Michael Grech Financial Investment Services Limited, minn flus illi kellu l-Awstralja huwa fetah kont qabel l-allegazzjoni tal-fatti ma' Lloyds TSB Australian Dollars Money Funds. Illi huwa ghandu wkoll kont savings mal-Bank of Valletta bin-numru 12411362024 li kien fih bilanc ta' 2270.27. F'dan il-kont kien jidhol anke l-pensjoni tieghu. Hemm ukoll term deposit bin-numru 17100472013 b'elfejn lira. Ghandhom ukoll stock ta' elf lira mal-Borza ta' Malta u iehor ta' elfejn lira f'isem iz-zewg partijiet.

"9. Illi mid-dokumenti illi jista' jigi abbundantament pruvat illi dawn il-flejjes kienu ghandhom u gew imcaqalqa minn bank ghall-iehor

pero` l-provenjenza taghhom kienet bil-wisq qabel l-allegat zmien ta' reat jew inkella meta dahlet il-ligi in vigore.

"10. Dak kollu li hu sehem indiviz ta' Paul Muscat fil-wirt tal-ġenituri tieghu, inkluz sehem indiviz ta' bicca mid-dar tal-genituri li kienet akkwistata b'subbasta minn ohtu u ghaddietha lill-ahwa.

"Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka t-titolu ezekuttiv mahluq kif fuq inghad kontra taghhom u dan ghar-ragunijiet hawn premessi."

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali tat-18 ta' Marzu, 2010, li in forza taghha gie eccepit illi:

"Illi in linea preliminari, l-Avukat Generali mhuwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza odjerna stante illi a tenur tal-Artikolu 22C tal-Att dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), il-proceduri odjerni ghandhom jigu diretti biss kontra l-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

"Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement l-esponenti qed jopponu ghar-rilaxx taghhom ghar-ragunijiet segwenti:

"Illi specifikatament in kwantu ghall-art imsejha Ta' Wied Bingemma limiti tan-Nadur, Ghawdex u l-mutur Honda bin-numru FBA 879 dawn huma konfiskabbli bhala corpus delicti stante li kif irrizulta mill-ammissjoni ta' Paul Muscat stess fil-proceduri kriminali, il-mutur intuza sabiex tingarr id-droga u l-art intuzat sabiex tigi kkultivata l-pjanta Cannabis;

"Illi r-rikorrenti ghandhom igibu prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhux rizultat ta' profitt jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu ir-rikorrenti instab hati jew proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk;

"Illi in vista tas-suespost l-esponenti m'ghandhomx jigu soggetti ghall-ispejjez.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta' Ottubru, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi filwaqt li:

(1) laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat Generali u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez ta' din l-eccezzjoni a karigu tar-rikorrenti;

(2) cahdet it-talba ghat-thassir tal-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali permezz tas-sentenza tat-30 ta' Jannar, 2008, fir-rigward tan-nofs indiviz ta' Paul Muscat:-

i. Tad-dar Sweet Home, Triq Dun Guzepp Vella, Nadur;

ii. Tal-art bin-numru ghaxra (10) imsejha Ta' Wied Bingemma, limiti Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' mitejn u hamsa u tmenin metri kwadri (285mk) mixtrija b'kuntratt tas-16 ta' Gunju 1994 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo;

(3) Fir-rigward tal-kumplament tal-gid li jissemma f'paragrafi numru tlieta (3) sa ghaxar (10) inkluzi, tar-rikors promotur prezentat fis-26 ta' Frar 2010, cahdet l-eccezzjonijiet u hassret l-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali permezz tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2008.  Hassret ukoll l-ordni ta' konfiska in kwantu din setghet tolqot in-nofs indiviz tar-rikorrenti Maria Muscat fir-rigward tal-immobbli li jissemmew f'paragrafu numru 2 tal-parti dispozittiva tas-sentenza.

B'dan illi l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet (salv dak deciz fl-ewwel kap tas-sentenza).

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Permezz ta' dawn il-proceduri r-rikorrenti qeghdin jitolbu r-revoka ta' ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali fil-kawza **ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Muscat** (8/2006) deciza fit-30 ta' Jannar 2008 u riformata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza li nghatat fit-28 ta' Dicembru 2009. Fi kliem ir-rikorrenti:-

"Illi dan huwa rikors bil-procedura specjali stabbilit mill-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-revoka ta' konfiska.".

"Fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

"1. Paul Muscat gie akkuzat talli:-

"i. Assocja ruhu ma' persuni sabiex ibiegh jew jittrafika l-pjanta cannabis f'Malta;

"ii. Ikkoltiva l-pjanta cannabis;

"iii. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta cannabis minghajr ma kellu licenzja mill-Ministru responsabbli ghas-Sahha;

"iv. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis, u r-reat sar taht cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

"2. B'sentenza li nghatat fit-30 ta' Jannar 2008 mill-Qorti Kriminali, Paul Muscat gie liberat mill-ewwel kap tal-Att tal-Akkuza, instab hati tat-tieni, tielet u raba' kapi tal-Att tal-Akkuza. L-akkuzat gie kkundannat ghall-perjodu ta' 18 il-sena prigunerija u multa €45,000. Inoltre l-qorti ordnat *"....il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli w immobbli ohra tal-hati*.".

"3. Permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-28 ta' Dicembru 2009, il-qorti hassret dik il-parti tas-sentenza li kkundannat lil Muscat ghal 18 il-sena prigunerija u minflok ikkundannatu ghall-piena ta' 16 il-sena prigunerija.

"Skond l-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101, jekk tkun saret ordni ta' konfiska taht l-artikolu 22(3A)(d), il-persuna misjuba hatja jew it-terza persuna, jistghu jaghmlu proceduri ghal dikjarazzjoni li:-

*"xi proprjeta jew kull proprjeta mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dħul mill-egħmil ta' xi reat taħt din l-Ordinanza (kemm*

*jekk ikun jew ma jkunx hekk aġġudikat minn qorti tal-ġustizzja kriminali) lanqas proprjeta akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dħul bħal dawk."*

"Jibda biex jinghad li l-Avukat Generali ghandu ragun ighid li m'huwiex il-legittimu kontradittur. Fil-fatt proceduri ta' din ix-xorta ghandhom isiru kontra l-Kummissarju tal-Pulizija, tant li l-Artikolu 22C (1)(5) jipprovdi:-

*"Ir-rikors u l-avviż tad-data stabbilita għas-smigħ* ***għandhom jiġu notifikati lill-Kummissarju tal-Pulizija*** *mingħajr dewmien, u l-imsemmi Kummissarju għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors fi żmien ħmistax-il jum wara d-data tan-notifika tar-rikors*."

"L-Artikolu 22(3A) (d) tal-Kap. 101 jipprovdi li min jinstab hati ta' reati li jissemmew fl-Artikolu 24A (1), b'zieda ma' kull piena ohra, il-qorti ghandha fuq talba tal-prosekuzzjoni:-

*"**tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli oħra, u tal-proprjeta immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja** wkoll jekk il-proprjeta immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta mobbli jew proprjeta immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta."*

"Ir-rikorrenti ressqu provi biex juru li l-gid li ghandhom ma kienx gej minn qliegh provenjenti mill-eghmil ta' reat taht il-Kap. 101. Fil-fehma ta' din il-qorti l-ahjar prova ta' dan hu dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. F'dik il-parti fejn il-qorti kienet qeghda tikkunsidra jekk il-piena nflitta fuq Muscat kenitx eccessiva, osservat:-

"*L-appellant jikkontendi li ma jirrizultax li kien hemm effettivament bejgh ta' din id-droga da parti tieghu, u li huwa nstab hati ta' traffikar minhabba d-definizzjoni tal-kelma traffikar fl-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 li tinkludi l-koltivazzjoni.* ***Dan huwa minnu****; izda huwa wkoll minnu illi kieku l-appellant irnexxielu jsib zbokk fis-suq ghall-merce tieghu – u mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Pulizija jidher car li kien kwazi wasal – huwa seta' litteralment jinvadi dan is-suq bil-cannabis li kien ikkoltiva u pprocessa*" (enfazi ta' din il-qorti).

"Hu ghalhekk altru milli evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali emmnet il-verzjoni li ta Muscat fl-istqarrija li ghamel lill-pulizija, fejn iddikjara li qatt ma biegh droga. Gialadarba ma kienx hemm bejgh ta' droga, Muscat qatt ma seta ghamel qliegh. Fil-fehma tal-qorti d-dikjarazzjoni li ghamlet il-Qorti tal-Appell hi fiha nnifisha prova li l-gid li ghandhom ir-rikorrenti m'huwiex provenjenti minn qliegh li sar minn bejgh ta' droga. Dikjarazzjoni li din il-qorti m'ghandix tiskarta u anzi tqies li hi l-ahjar prova gialadarba hu evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet apprezzament tal-provi li kienu tressqu fil-guri.

"Madankollu, fir-rigward tal-immobbli li jissemmew hawn taht, is-sitwazzjoni hi differenti ghaliex japplika l-Artikolu 22(3A)(a) tal-Kap. 101 li jipprovdi ghall-konfiska ta' kull dritt reali li l-hati jkollu fuq mmobbli f'Malta li tkun intuzat sabiex **'tinżamm jew tinħażen jew biex tinbiegħ jew tiġi traffikata, dik il-mediċina, kif deskritt fl-att tal-akkuża', u cjoe':-**

"i. il-fond Sweet Home, Triq Dun Guzepp Vella, Nadur, Ghawdex. Jirrizulta li b'kuntratt tat-18 ta' Jannar 1994, pubblikat min-nutar Dr Michael Refalo, sar kuntratt ta' rexxissjoni ta' bejgh li kien sar fis-6 ta' Jannar 1982, u dan wassal sabiex ir-rikorrenti regghu saru sidien ta' dan il-fond; u

"ii. l-ghalqa fejn instabet id-droga, Skond ir-rapport li ghamel il-perit Valerio Schembri fuq inkarigu tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, id-droga nstabet f'ghalqa li qeghda fl-inhawi ta' madwar Triq Wied Bingemma, Nadur, Ghawdex. Il-qorti qeghda tifhem li din l-ghalqa hi dik li fir-rikors hi deskritta bhala l-plot numru 10 akkwistat minn Paul Muscat u martu Mary Muscat fis-16 ta' Gunju 1994 minghand Mario u Edwin ahwa Muscat, imsejha Ta' Wied Bingemma, limiti tan-Nadur li ggib in-numru tal-Insinwa 946/1994. Fil-kuntratt ta' akkwist jinghad li l-art fiha kejl ta' 285 metri kwadri.

"Fl-istqarrija li ta lill-pulizija, Muscat iddikjara li l-haxixa cannabis kien izommha:

"**Fejn giet misjuba cioe id-dar tieghi gewwa Sweet Home Triq Dun Guzepp Vella Nadur, Ghawdex kif ukoll gewwa l-ghalqa tieghi gewwa in-Nadur fil-parti maghrufa bhala tal-Kunfettier.**

"Ghalhekk fir-rigward ta' dawn l-immobbli japplika l-Artikolu 22(3A) (a) tal-Kap. 101. Dawn il-proceduri ma jistghux jirnexxu ghaliex l-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 ma japplikax fil-kaz ta' konfiska tal-immobbli li tkun intuzat biex tinzamm, tinhazen, tinbiegh jew traffikata d-droga. Sahansitra fis-sentenza l-qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 22(3A)(a), (b), (c) u (d).

"Certament li l-konfiska tapplika biss fir-rigward tan-nofs indiviz li ghandu Paul Muscat fl-imsemmija immobbli, gialadarba jirrizulta li l-akkwist sar waqt iz-zwieg, li jfisser li din il-propjeta tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-konfiska hi limitata ghad-drittijiet li Paul Muscat ghandu fuq il-proprjeta, ghaliex hu nstab hati tar-reat u mhux martu.

"Fil-fehma tal-qorti r-riferenza ghall-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hi ghal kollox irrilevanti, in kwantu fi kliem ir-rikorrenti stess ir-rikors sar ai termini tal-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101, li l-ghan tieghu hu li l-qorti thassar ordni ta' konfiska. Ghalkemm ilment dwar ksur ta' dritt fundamentali jitressaq ukoll quddiem din il-qorti, ma jfissirx li ghandu jigi

> kkunsidrat f'proceduri li fihom ir-rikorrenti ddikjaraw li qeghdin jaghmlu ai termini tal-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Madankollu u f'kull kaz, ir-rikorrenti m'ghandhomx ragun fl-ilment taghhom in kwantu l-Artikolu 22(3A) (d) tal-Kap. 12 ma giex applikat retroattivament. Ir-riferenza ghall-Artikolu 24(A)(1)(e), introdott bl-Att XXXI tas-sena 2007 m'hijiex flokha. Paul Muscat instab ukoll hati ta' traffikar ta' droga cannabis, li bhala tifsira tinkludi koltivazzjoni (ara Artikolu 22(1) (1B)) u ghalhekk japplika l-Artikolu 24(A)(1)(a), li kien parti mill-Kap. 101 sa minn qabel twettaq ir-reat minn Muscat. Dan il-provvediment jirreferi ghal kaz fejn persuna tkun hatja ta' bejgh jew traffikar ta' xi medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza. Ghalhekk m'huwiex minnu li dan hu kaz ta' applikazzjoni ta' ligi kriminali b'mod retroattiv. Kuntrarjament ghal dak li jsostni Muscat, dan il-kaz hu differenti hafna mill-kaz **Repubblika ta' Malta vs Joseph Mifsud** deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Settembru 2010. F'dak il-kaz l-akkuza kienet ta' pussess ta' droga taħt dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Gialadarba l-Artikolu 24(A)(1)(e) dahal fis-sehh bl-Att XXXI tal-2007 u dak il-kaz kien imur lura ghal Novembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali gustament qalet li ma setatx issir ordni ta' konfiska. Madankollu fil-kaz tal-lum l-akkuza ma kenitx limitata ghar-reat ta' pussess taht dawk ic-cirkostanzi li l-qorti tkun sodisfatta li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Akkuza li saret fir-Raba' Kap. Ghalhekk it-tezi tar-rikorrenti li giet applikata ligi penali b'mod retroattiv, m'ghandix mis-sewwa ghaliex kien hemm akkuzi dwar reati ohra taht il-Kap. 101 u li kienu nkluzi fl-Artikolu 24(A)(1) tal-Kap. 101 qabel Paul Muscat gie akkuzat."

Rat ir-rikors tal-appell tal-konjugi Paul u Maria Muscat, li filwaqt li pprecizaw li mhux qeghdin jappellaw mis-sentenza sa fejn gie lliberat mill-osservanza tal-gudizzju l-Avukat Generali, izda ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbu r-riforma tas-sentenza appellata, billi tigi kkonfermata fejn laqghet it-talbiet tar-rikorrenti u tirrevokaha ghall-kumplament, biex hekk tilqa' r-r-rikors promotur fl-interezza tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellat.

Rat ir-risposta tal-appell tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Generali, fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, filwaqt li ghamlu

referenza ghall-atti tal-kawza u rriservaw li jipproducu l-provi kollha ammissibbli skont il-ligi, talbu lil din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.

Rat il-verbal ta-seduta tat-12 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza, wara li l-avukati difensuri tal-partijiet dehru quddiem il-Qorti u ttrattaw l-appell;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz ix-xhieda u d-dokumenti imressqa mill-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-attur f'din il-kawza, kien instab hati mill-Qorti Kriminali ta' koltivazzjoni, bejgh jew traffikar u pussess tal-pjanta cannabis u apparti li nghata piena ta' habs u gie kkundannat ihallas multa, giet ordnata wkoll il-konfiska favur il-gvern tal-oggetti marbuta mar-reat u l-konfiska ta' flejjes, jew proprjeta` mobbli jew immobbli tal-hati.  Din is-sentenza kienet riformata mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'dak li jirrigwarda t-terminu ta' prigunerija u l-hlas tal-ispejjez peritali u fil-bqija kienet ikkonfermata.

L-azzjoni tal-atturi appellanti hija bbazata fuq l-Artikolu 22C tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta), li fis-sub-inciz (1) jipprovdi kif gej:

> *"Meta jkun sar ordni ta' konfiska taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3A) tal-artikolu 22 ta' din l-Ordinanza, il-persuna misjuba hatja, jew it-terza persuna msemmija f'dak il-paragrafu, tista' tibda azzjoni ghal dikjarazzjoni li xi proprjetà jew kull proprjetà mobbli jew immobbli hekk konfiskata ma tkunx profitti jew dhul mill-eghmil ta' xi reat taht din l-Ordinanza (kemm jekk ikun jew ma jkunx hekk aggudikat minn qorti tal-gustizzja kriminali) lanqas proprjetà akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk."*

Minn ezami tal-artikolu in kwistjoni, mal-ewwel jirrizulta li dan il-procediment specjali huwa intiz sabiex il-persuna misjuba hatja jew terza persuna interessata, tkun tista' tressaq din il-procedura specjali sabiex tiehu lura l-oggetti konfiskati, limitatament sa fejn tali ordni ta' konfiska tkun saret taht l-Artikolu 22(3A)(d) tal-istess Ordinanza. Dan l-ahhar imsemmi artikolu jipprovdi kif gej:

> *"Meta reat kontra din l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet hatja ikun xi wiehed mir-reati msemmija fis-subarikolu (1) tal-artikolu 24A il-Qorti ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra, fis-sentenza taghha jew f'kull zmien wara, fuq it-talba tal-prosekuzzjoni*
>
> *(d) tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli ohra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba hatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-hati jkun gie akkuzat tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta."*

Taht l-Artikolu 22(3A)(a) il-Qorti <u>ghandha, b'zieda ma' kull piena ohra u fuq talba tal-prosekuzzjoni:</u>

> *"(a) meta xi proprjetà immobbli, f'Malta jew f'xi post barra minn Malta, tkun giet uzata biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbigh jew tigi traffikata, dik il-medicina, kif deskritt fl-att tal-akkuza jew fl-akkuza, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull dritt reali li l-hati jkollu fuq dik il-proprjetà immobbli;"*

Minn qari ta' dan l-ahhar artikolu jirrizulta li kemm il-konfiska tal-proprjetà immobbli taht il-paragrafu (a), kif ukoll il-konfiska tal-flejjes, jew proprjetà mobbli jew immobbli taht il-paragrafu (d), mhix ghazla mhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti fl-ghoti tal-piena, izda hi ordni tassattiva imposta mill-ligi. Tant hu hekk li l-kliem uzat f'dan l-Artikolu 22(3A), hu "ghandha b'zieda ma kull piena ohra, fis-sentenza taghha ... tordna l-konfiska". (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta' Gunju, 2011, fil-kawza fl-ismijiet **Elton Brincat v. Kummissarju tal-Pulizija).**

Jigi osservat ukoll li l-istess ligi tipprovdi li jispetta lil min ikun qieghed jitlob ir-revoka tal-ordni ta' konfiska sabiex iressaq tali procediment quddiem il-Qorti ta' kompetenza civili. Inoltrè, kif ritenut mill-Qrati taghna:

> "*Ladarba il-legislatur haseb sabiex il-procediment jinstema' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi stess tghid li ghal dan il-procediment japplika l-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta il-grad ta' prova rikjesta huwa dak tal-bilanc ta' probabilitajiet vigenti fi procedura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali"* - **Abela vs Kummissarju tal-Pulizija,** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru 2005.
>
> *"Il-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn*

> *Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap.101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur."* - **Francis Muscat v. Kummissarju tal-Pulizija** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju, 2010.

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha.

Trattat l-aspett legali, imiss li jigi trattat l-aggravju tal-appellanti sa fejn permezz tas-sentenza appellata baqghet fis-sehh l-ordni ta' konfiska li saret mill-Qorti Kriminali, permezz tas-sentenza taghha tat-30 ta' Jannar, 2008, fuq in-nofs indiviz ta' Paul Muscat, fuq id-dar konjugali fin-Nadur, u fuq l-ghalqa imsejha Tal-Konfettier jew Ta' Wied Bingemma, fin-Nadur. L-appellanti jilmentaw, in kwantu jinghad minnhom, li l-ewwel Qorti ma ddistingwietx bejn konfiska tal-oggetti li kellhom x'jaqsmu mar-reat u l-konfiska tal-beni kollha, immobbli, u r-rimanenti mobbli u flejjes ohra tal-hati. L-appellanti jsostnu li l-Qorti Civili kellha tapplika is-sentenza jew sentenzi kif imfisser bil-kliem specjalment fil-parti dispozittiva taghha. Dan jinghad minnhom fuq l-istregwa tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, tat-28 ta' Dicembru, 2009, fejn inghad:

> *"fl-ahharnett dik il-Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur l-istess Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u mmobbli ohra tal-hati."*

Filwaqt li l-appellanti jaghmlu enfasi fuq il-kliem "*tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat*", jinnutaw illi l-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tat-20 ta' Jannar 2008, qalet hekk dwar il-konfiski:

> *"Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli w immobbli ohra tal-hati."*

Jirreferu wkoll ghall-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) dwar l-istrumenti u l-*corpus delicti.*

L-aggravju tal-appellanti huwa msejjes fuq il-premessa li l-Qorti ma qalitx liema proprjetà kienet qeghda tolqot taht l-Artikolu 3A, peress li jsostnu li s-sentenzi kriminali tkellmu fuq il-konfiska tal-proprjetà mobbli jew immobbli tal-hati, minghajr ma ghamlu distinzjoni bejn certi mmobbli li jaqghu taht il-konfiska li hemm imsemmija fl-Artikolu 22(3A)(a) tal-Kap. 101. Ghalhekk jikkontendu li l-bazi legali tal-konfiska kienet dik tal-Artikolu 22(3A)(d) li tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kollox, inkluz id-dar u l-ghalqa in kontestazzjoni. Isostnu li l-ewwel Qorti kien ikollha ragun u ma kienx ikollha dritt ghar-rikors li kieku d-dar konjugali u l-ghalqa tal-Konfettier kienu espressament ikkonfiskati skont l-Artikolu 22(3A)(a) tal-Kap. 101.

Kif ritenut f'okkazzjonijiet ohra, jigi ribadit li din il-Qorti in linea generali ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax li b'dak l-apprezzament tkun saret

ingustizzja ma' xi parti jew ohra. (Ara f'dan is-sens sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Ottubru, 2005 fil-kawza fl-ismijiet **Bernard Xerri et v. Kummissarju tal-Pulizija**). Minn ezami tal-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti kien bilancjat u fidil ghar-rizultanzi quddiemha, u konsegwentement m'ghandux jigi disturbat.

Dan qieghed jinghad peress li l-ewwel Qorti ghamlet analizi korretta tas-sentenzi tal-Qorti Kriminali u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri prodotti bhala prova quddiemha u jirrizulta car li ghamlet distinzjoni netta bejn dak li jipprovdi l-Artikolu 23(3A)(a) li jipprovdi ghall-konfiska ta' proprjetà fejn din *"tkun giet uzata biex tinzamm jew tinhazen jew biex tinbiegh jew tigi traffikata*" id-droga, u l-provvediment taht l-Artikolu 23(3A)(d) meta rriteniet:

> *"Fl-istqarrija li ta lill-pulizija, Muscat iddikjara li l-haxixa cannabis kien izommha: Fejn giet misjuba cioe id-dar tieghi gewwa Sweet Home Triq Dun Guzepp Vella Nadur, Ghawdex kif ukoll gewwa l-ghalqa tieghi gewwa in-Nadur fil-parti maghrufa bhala tal-Kunfettier.*
>
> *"Ghalhekk fir-rigward ta' dawn l-immobbli japplika l-Artikolu 22(3A)(a) tal-Kap. 101. Dawn il-proceduri ma jistghux jirnexxu ghaliex l-Artikolu 22(c) tal-Kap. 101 ma japplikax fil-kaz ta' konfiska tal-immobbli li tkun intuzat biex tinzamm, tinhazen, tinbiegh jew traffikata d-droga. Sahansitra fis-sentenza l-qorti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 22(3A)(a)(b)(c) u (d)".*

Inoltrè, kif gustament josservaw l-appellati fir-risposta taghhom, is-sentenza tal-Qorti Kriminali inghatat fil-parametri tal-att ta' akkuza mahruga fil-konfront tal-akkuzat Paul Muscat u li taht kull Kap intalab

mill-prosekuzzjoni illi ssir il-konfiska favur il-Gvern tal-proprjetà tal-persuna jekk misjuba hatja skont *inter alia* l-Artikolu 22(3A)(a)(b)(c)(d) tal-Kap. 101. Jigi nnutat ukoll illi fil-parti dispozittiva tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2008, saret referenza espressa ghall-istess artikoli tal-ligi:

> *"Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2, 8, 9, 10, 12,* ***22****(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)****(3A)(a)(b)(c)(d)*** *u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, w ir-Regola 4(a) tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, (G.N 292 tal-1939) kif ukoll fl-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Paul Muscat ghall-piena ta' tmintax (18) il-sena prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll multa ta' hamsa w erbghin elf Ewro (€ 45,000) li jekk ma jithallsux minnufih jigu konvertiti awtomatikament fi tmintax il-xahar ohra prigunerija kif ukoll tikkundannah li jhallas is-somma ta' tlitt elef, erba' mija w tmienja w tletin Ewro u tlieta w tmenin centezmi (€3438.83) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*
>
> *"****Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hati****."* (enfasi mizjud minn din il-Qorti)

Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan ifisser illi filwaqt li ghamlet referenza espressa ghall-artikoli tal-ligi kollha in kwistjoni, inkluz l-Artikolu 22(3A)(a) u (d), ordnat **kemm il-konfiska tal-oggetti li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll l-immobbli l-ohra**. Huwa ritenut li fil-kaz in ezami, l-istess Qorti, bl-ordni ta' konfiska, filwaqt li ghamlet distinzjoni netta, laqtet kemm dik il-proprjetà li ntuzat biex tinhazen u tinbiegh id-droga, senjatament id-dar konjugali u l-ghalqa tal-Kunfittier, kif provdut taht il-paragrafu (a) tal-Artikolu 22(3A), kif ukoll l-proprjetà l-ohra kollha kif

provdut taht il-paragrafu (d) tal-Artikolu 22(3A) tal-Kap. 101. Dan kif inghad qabel, proprju peress li dik il-Qorti kellha taghmel dan tassativament u ma kellha ebda diskrezzjoni tiddeciedi mod iehor.

Jigi osservat illi l-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri, fis-sentenza taghha tat-28 ta' Dicembru, 2009, filwaqt li ghamlet referenza fil-premessi ghal dak konfiskat, kif ordnat mill-ewwel Qorti, u rriportat il-parti dispozittiva tal-Qorti Kriminali, fl-ebda stadju ma ttrattat l-ordni ta' konfiska, peress li din ma kenitx trattata jew attakkata f'dak l-appell. Kif inghad min dik il-Qorti Kriminali:

> *"l-appell illum jinsab limitat ghall-piena, kemm pekunarja, inkluza l-kundanna ghal-hlas tal-ispejjez peritali, kif ukoll dik karcerarja erogata mill-Qorti Kriminali."*

Huwa ritenut li f'dan il-kaz l-akkuzat gie misjub hati taht tliet kapi tal-att tal-akkuza u konsegwentement gie ordnat **kemm il-konfiska tal-oggetti li dwarhom sar ir-reat, kif ukoll l-immobbli l-ohra**. Kif inghad qabel, l-ordni ta' konfiska mahsuba taht l-Artikolu 22(3A)(a), tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn il-konfiska ghandha tigi applikata tassitivament mill-Qorti, **b'zieda ma' kull piena ohra, meta l-persuna tkun instabet hatja ta' reat taht l-Artikolu 24A (1)**, hija r-regola. Il-proceduri odjerni li saru taht l-Artikolu 22C, huwa provvediment specjali. Din il-Qorti ma tistax tara kif jista' jigi argumentat, kif jittantaw jaghmlu l-appellanti, li l-prezunzjoni ghandha tkun li b'dik l-ordni ta' konfiska l-Qorti

Kriminali kienet qeghda titfa' l-konfiska tal-immobbli ordnata f'keffa wahda taht l-Artikolu 22(3A)(d).

L-abbli difensur tal-appellanti jittanta jargumenta li meta l-Qorti kienet qeghda tirreferi ghall-konfiska tal-oggetti, l-Qorti Kriminali kienet qeghda tirreferi precizament ghall-Artikolu 23 tal-Kodici Kriminali (Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta) li jitratta l-konfiska tal-*corpus delicti* tal-istrumenti li servew, jew li jkun mahsub li jservu biex isir id-delitt, u mhux taht l-Artikolu 22(3A)(a) tal-Kap. 101. Madankollu, din il-Qorti wara li ezaminat id-disposizzjonijiet relevanti tal-ligi, u qieset is-sottomissjonijiet tal-partijiet, tistqarr li ma tistax taqbel ma' dan il-punt imqajjem mill-appellanti. Kif sewwa ritenut mill-appellati, in konformità mal-principju li *lex specialis derogat lex generalis,* hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-konfiska ordnata mill-Qorti Kriminali hija dik mahsuba taht il-Kap. 101 u mhux dik taht il-provvediment tal-Artikolu 23 Kap. 9, li huwa ta' xejra generali.

Dan qieghed jinghad fuq l-iskorta ta' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tas-6 ta' Frar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Premier Leasing and Investments Company Limited v. L-Avukat Generali et**, fejn kienet ezaminata proprju l-possibiltà ta' kunflitt bejn iz-zewg ligijiet in ezami, fejn inghad:

> *"din il-Qorti tosserva li filwaqt li l-Artikolu 23 jifforma parti mil-ligi penali generali u ghalhekk huwa applikabbli ghar-reati, l-Art.22A [1] tal-Kap.101 hija dispozizzjoni ta' ligi specjali, u ghalhekk f'kaz ta' konflitt tipprevali din tal-ahhar fuq l-istregwa tal-massima lex specialis derogat legi generali."*

Isegwi li l-aggravju tal-appellanti ma jimmeritax li jintlaqa' peress li fil-fehma ta' din il-Qorti, ma sabet ebda raguni gravi bizzejjed li bis-sahha taghha tista' validament tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti, in kwantu l-interpretazzjoni adoperata minnha hija wahda logika u konsistenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet fuq moghtija, din il-Qorti tichad l-appell imressaq mill-appellanti Paul u Maria Muscat u s-sentenza appellata tat-12 ta' Ottubru, 2012, qeghda tigi kkonfermata fis-shih.

Bl-ispejjez in prim istanza jibqghu kif deciz mill-ewwel Qorti, waqt li dawk ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df